# Beati u Qaddisin ..Frar

23 ta' Frar  Beatu Wincenty Stefan Frelichowski Sacerdot u , martri

Wiehed jista' jghid li dan iz-zaghzugh qeda' l-ministerju sacerdotali tieghu fil-kamp tal-koncentrament germaniz, infatti ftit wara t-tlett snin ta' hajja appostolika bhala sacerdot novell fost il-poplu pollak, sab ruhu fost il-prugunieri ghal sitt snin, meta wara marda huwa miet ta' 32 sena fil-1945.



Wincenty Stefan Frelichowski twieled fit-22 ta' Jannar 1913 gewwa Chelmza centru zghir fin-naha ta' fuq tal-Polonja. Meta kien tifel kien jippartecipa fl-attivita' ta' l-iscouts u tas-solidarjeta' Marjana barra li kien ukoll abbati. Ta' 18 il-sena dahal is-seminarju magguri tad-djocesi ta' Chelmno biex jipprepara ruhu ghas-sacerdozju. Fl-4 ta' Marzu 1937 gie orndat sacerdot u mahtur kwazi mill-ewwel segretarju ta' l-isqof. Fl-1 ta' Lulju 1938 gie mibghut bhala Vigarju fil-parrocca ta' l-Axxensjoni gewwa Toru fejn wera zelu pastorali kbir. Kien iqaddes b'fervur tant li kulhadd kien jistghageb bil-qdusija tieghu. Hdax-il jum wara l-invasjoni tan-Nazisti fil-Polonja gie arrestat flimkien ma' sacerdoti ohra u maqful fil-habs tal-belt. Mehlus ghal ftit jiem rega' mill-gdid gie arrestat u

mitfugh il-habs fit-18 ta' Ottubru 1939 u minn dak in-nhar tilef il-helsien tieghu minghajr ma inghata' ebda raguni. Meta kien il-habs qawwa lil hutu l-prugunieri fil-fidi. Ittrasferit fil-habs ta' Stutthof kellu jahdem xoghol iebes qisu lsir.

Hawn kien irnexxilu jakkwista xi ostji u ftit imbid u irnexxilu jiccelebra l-quddiesa fil-Hamis ix-Xirka tas-sena 1940, minkejja li jekk jinqabad kien hemm lesti ghalih kastigi horox. Anke irnexxilu jorganizza xi sezzjonijiet ta' talb komuni sija filghodu kif ukoll filghaxija ad unur il-Madonna Fid-9 ta' April flimkien ma' habsin ohra gie trasferit ghal kamp ta' Oranienburg - Sachsenhausen qrib Berlin. Hemm kien imexxi l-kamp Hugon Krey maghruf ghall-krudelta' tieghu. Anqas hawn iz-zaghzugh Wincenty Frelichowski ma qata' qalbu u kien ta' konfort ghall-morda, anzjani u zghazagh li kienu umiljati mill-kap tal- kamp.

Fit-13 ta' Dicembru 1940 ma' sacerdoti ohra gie trasferit gewwa Dachau fejn kif seta' kompla jezercita s-sacerdozju tieghu; irrifjuta li jichad in-nazzjonalita tieghu u jiffirma d-Deutsche Volksliste li bis-sahha taghha kien ikollu xi kundizzjonijiet aktar ahjar. Bhala tpattija ta' dan hu giet mitfugh fl-isptar tal-kamp, Hawn huwa ha l-opportunita li jahdem u jaghti ghajnuna spiritwali lill-morda u lil moribondi.

Fis-sena 1943-44 il-kondizzjonijiet fil-kamp marru xi ftit ghal zhjar. Il-prugunieri setghu jircievu xi pakketti ta' ikel mill-familjari taghhom u Wincenty kien jircievi xi ostji u imbid biex bihom iqaddes fil-blokki varji tal-kamp. Minhabba in-nuqqas ta' igene faqqet epedemija tat-tifu. Il-blokki fejn instabet il-marda gew separati bil-wire spinat u l-morda thallew jghixu f'kundizzjonijiet dizumani. Dun Wincenty kien jissogra sahhtu biex jaghti xi hobz lil dawn il-morda u konfort tal-fidi lil moribondi, minkejja li shabu kienu jghidulu biex joqghod attent biex ma jiehux il-marda. Izda hallas qares ghal din il-generozita' ghax huwa ha l-marda u maghha l-polmonite. Dawn kien fatali ghalih ghaliex ftit jiem biss qabel il-helsien meta kellu 32 sena, huwa halla din id-dinja fost il-biki ta' kull minn kien internat mieghu. Miet fit-23 ta' Frar 1945 u ma hux maghruf jekk gismu giex mahruq fil-krematorju jew midfun go fossa komuni.

Il-Papa Giovanni Pawlu II ibbejatifikah fis-7 ta' Gunju 1999 gewwa Toru matul is-seba' vjagg appostoliku tieghu gewwa l-Polonja.